MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-13 ta' Settembru, 2007

Appell Civili - Ghawdex Numru. 3/2002/2

**Simone Gauci ezercenti l-kummerc taht l-isem ta' Capri**

**vs**

**Sunta Azzopardi**

**Il-Qorti,**

Fl-10 ta' Ottubru, 2006, il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Inferjuri ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "Il-Qorti,
>
> Rat l-Avviż li permezz tiegħu l-attriċi talbet lill-konvenuta tgħid għaliex m'għandhiex tkun ikkundannata tħallas is-soma ta' elfejn seba' mija u ħamsa u għoxrin lira Maltija u disgħa u għoxrin ċentezmu (Lm2725.29) rappreżentanti konsenja

ta' ħwejjeġ ġja mibjugħa u kkonsenjati mill-attriċi lill-konvenuta u dana skond invoices innumerati 07391, 07392, 1601, 1607, 1610, 1613, 1617 u 1618 rispettivament .

Bl-imgħax skond il-liġi mid-data tal-invoices sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra legali datata 10 ta' Settembru, 2001 .

Bl-inġunzjoni tal-konvenuta għas-subizzjoni .

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta li eċċepiet illi:

1. Illi preliminarjament hemm il-preskrizzjoni fit-termini tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2148 u 2156 tal-Kodiċi Ċivili .

2. Illi preliminarjament ukoll hemm in-nullita' ta' dan l-avviż billi l-attriċi naqset li tipproduċi flimkien ma' dan l-avviż, l-invoices li għalihom qed tagħmel referenza f'dan l-avviż . Infatti anki fl-iskambju ta' korrispondenza li ppreċeda din il-kawża l-esponenti talbet li tingħata kopja ta' dawn l-invoices iżda mingħajr suċċess .

3. Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għall-premess id-domandi attriċi huma nfondati fid-dritt u fil-fatt u l-esponenti għandha tiġi mehlusa mit-talbiet attriċi .

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri .

Rat in-nota ta' l-attriċi tat-30 ta' Marzu 2004 fejn irriduċiet it-talba għal elf erba' mija ħamsa u għoxrin lira maltija u tletin ċenteżmu (Lm1425.30) .

Rat il-verbal tagħha tat-2 ta' Mejju 2006 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza .

Semgħet it-trrattazzjoni orali tal-legali ta' l-attriċi .

Rat in-nota ta' l-osservazzjonijiet tal-konvenuta .

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inkluż il-verbali tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din il-kawża l-attriċi talbet il-ħlas ta' l-ammont indikat fl-Avviż rappreżentanti l-ammont dovut għal merkanzija allegatament mibjugħa u konsenjata lill-konvenuta skond diversi *invoices* li ġew indikati fl-istess Avviż .

Għal din it-talba l-konvenuta ressqet diversi eċċezzjonijiet . Imma qabel ma jiġu ttrattati dawn l-eċċezzjonijiet, jeħtieġ illi tiġi sorvolata kwistjoni oħra proċedurali dwar il-kompetenza . Ġara illi fil-mori tal-kawża, l-attriċi rriduċiet it-talba,[1] mhux għax sar xi pagament ta' xi parti mill-ammont li ma kienx kontestat, imma għax hija ndunat illi parti mill-ammont oriġinarjament reklamat ma kienx dovut, billi kien ġia tħallas jew għax ġiet ritornata parti mill-merkanzija[2] . Għalhekk peress illi l-ammont mitlub huwa ta' anqas minn elf u ħames mitt lira maltija (Lm1500), tqum il-kwistjoni jekk din il-Qorti hix kompetenti li tieħu konjizzjoni tal-kawża . Eċċezzjoni formali f'dan is-sens ma hemmx, imma kif tajjeb tindika l-konvenuta fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tagħha, din hija xi ħaġa li għax hija ta' ordni pubbliku, tista' u anzi għandha titqajjem mill-Qorti stess, anke meta ma tkunx saret eċċezzjoni f'dan is-sens[3] .

Ir-risposta għal din id-diffikolta' jagħtihielna l-**Mattirolo**, permezz ta' eżempju fejn jesponi sitwazzjoni identika għal dik preżenti . "*Si e' chiesta davanti al tribunale civile la somma di lire*

[1] Ara Nota ta' riduzzjoni a fol. 10 tal-process
[2] ara depożizzjoni ta' l-attrici a fol. 11 – 17 .
[3] Art. 744 (b) tal-kap.12 u Antonio Micallef vs Dr.Riccardo Farrugia et noe.: 12.5.1958 (kollez. vol. XLII pt. ii p. 1017). .

*2000: in una sua posteriore comparsa l'attore ascende a solo lire 1500; e tale cifra riduce definittivamente la domanda . Non ostante questa riduzione, e' quasi costante insegnamento della dottrina e della giurisprudenza che il tribunale continuera' ad essere competente; perche, - da un lato egli e' principio che* ***'in eo quod plus est et minus continetur',*** *- d'altro canto, l'interesse stesso dei litiganti non consente che s'intraprenda un nuovo giudizio; ne' si deve porre l'attore nella necessita' di persistere in una pretesa, che egli stesso riconosce soverchia, per evitare le spese dell'istituzione di una nuova causa . - A tale regola pero' si fa eccezione per il caso, in cui risultasse che la primitiva domanda fu maliziosamente esagerata dall'attore, allo scopo di eludere la legge, sottraendo alla giurisdizione del pretore una causa, che per legge doveva da questo essere giudicata:* ***malitiis non est indulgendum****."* [4]

Dan huwa preċiżament li ġara fil-każ in eżami, u fl-ewwel okkażżjoni li kellha wara li kienet ġia laħqet istitwiet il-kawża, l-attriċi nfurmat lill-konvenuta li hija kienet qed tirriduċi l-pretensjoni tagħha[5] . L-anqas hemm l-iċken ħjiel ta' prova illi kien hemm xi *malafede* fl-attriċi illi għamlet dan biex tevita l-ġurisdizzjoni ta' tribunal inferjuri, li skond id-dottrina hawn ċitata hija l-unika eċċezzjoni fejn il-Qorti għandha tirrifjuta li tkompli tieħu konjizzjoni tal-kawża f'tali ċirkostanzi . Konsegwentement m'hemm xejn xi jżomm il-Qorti milli tiddeċidi l-kawża preżenti .

Niġu issa għalhekk għall-eċċezzjonijiet tal-konvenuta . L-ewwel waħda tirrigwarda l-preskrizzjoni . Il-konvenuta ssemmi l-artikolu 2148 tal-kap. 16 . Din hija l-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar li tirrigwarda l-azzjonijiet dwar

---

[4] Trattato di Diritto Giudiziario Civile 5ta.ed 1902 vol. I para. 212 pag.185

[5] ara ittra tal-legali ta' l-attriċi Dok. SG 7 a fol. 34 .

bejgħ bl-imnut . Dwar x'jikkonsisti bejgħ bl-**imnut** u bl-**ingrossa** ġie imfisser illi : " *La legge non definisce i relativi concetti del grande o del piccolo commercio, del commercio all'ingosso e del commercio al minuto, ma secondo la dottrina, il criterio direttivo per distinguere il grossista dal dettagliatore e' che il primo vende per lo piu' a coloro i quali commerciano della cosa comprata, mentre il secondo vende per lo piu' ai consumatori e in piccole quantita' misurate dal bisogno di costoro*"[6] . Huwa ovvju minn eżami tal-fatturi esebiti[7], illi n-negozju illi allegatament sar bejn il-kontendenti ma jirreferix għal bejgħ bl-imnut . Dawn fil-maggior parti tagħhom jindikaw bejgħ ta' kwantitajiet mill-istess oġġetti ta' lbies, li żgur mhumiex intiżi biex jintlibsu minn konsumatur wieħed, imma biex jerġgħu jinbiegħu . Bħala bejgħ bl-ingrossa tista' tkun applikabbli għalhekk preskrizzjoni ta' ħames snin a tenur ta' l-artiklu 2156 tal-Kap. 16 . Imma apparti l-fatt illi ebda waħda mill-fatturi indikati fl-Avviż ma tirrisali għal aktar minn ħames snin, għax dawn jirreferu għas-snin 1997 u 1998, din l-eċċezzjoni fi kwalunkwe każ ma tistax tiġi akkolta għax : "*l-eċċepita eċċezzjoni kwinkwennali mhix indikata b'mod suffiċjentement speċifiku . Dan qed jiġi rilevat in kwantu l-arikolu 2156 tal-Kodiċi Civili għal liema jirreferi l-appellanti jipprospetta, f'ħames inċiżi ben distinti, il-preskrizzjoni ta' azzjonijiet għal kollox differenti waħda minn oħra . Hi liġi li l-Qorti ma tistax* ***ex officio*** *tagħti effett għall-preskrizzjoni jekk din ma tiġix eċċepita mill-parti interessata (art. 2111) . Li jfisser li l-Qorti ma għandhiex toqgħod tfittex biex tara jekk għall-każ hix applikabbli xi preskrizzjoni partikolari li ma tkunx ġiet indikata b'mod ċar u espliċitu minn min jinvokaha . Ara Kollez. vol. XXXIII. P. 1. p. 481 u*

---

6 Kummerc : Attard vs Refalo : 15.11.1892; kollez. vol. XIII. 294 .

7 ara original tagħhom esebiti bħala Dokti. SG 1 u SG 2 a fol. 19 tal-process .

*"Francis Bugeja noe. vs Indria Mercieca" Appell, 29 ta' Mejju 2000*." [8]

Din l-eċċezzjoni qed tiġi għalhekk respinta .

Eċċezzjoni preliminari oħra tal-konvenuta tirrigwarda l-allegata nullita' ta' l-Avviż għax ma kienx akkumpanjat bid-dokumenti meħtieġa sabiex isaħħu t-talba . F'sede inferjuri bħal ma għandha fil-każ in eżami, mhix l-użanza illi tali dokumenti jiġu annessi ma' l-Avviż u dawn dejjem tħallew jiġu esebiti fil-kors tas-smiegħ tal-kawża . Infatti l-liġi tgħid biss illi fil-qrati inferjuri ċ-ċitazzjoni issir "**fl-għamla ta' avviż sempliċi ffirmat mir-reġistratur, li jkun fih l-isem u l-kunjom ta' l-attur u tal-konvenut, it-talba ta' l-attur, u l-jum u l-ħin meta l-konvenut għandu jidher**." [9] Din l-eċċezzjoni qed tiġi għalhekk miċħuda wkoll .

Niġu issa għall-mertu . Fl-Avviż tagħha l-attriċi indikat tmien (8) fatturi illi fuqhom qed tibbaża t-talba tagħha għall-ħlas . Fil-mori tal-kawża pero', wara li rriduċiet it-talba kif ġia ngħad, indikat illi qed titlob il-ħlas ukoll a bażi ta' fatturi oħra li ma kienux ġew imsemmija fl-Avviż promotur[10] . Imma kif sewwa ssottomettiet il-konvenuta fin-nota ta' l-Osservazzjonijiet tagħha, mhux leċitu għall-attriċi illi, minn jeddha u mingħajr ma nghatat ebda awtorizzazzjoni mill-Qorti, taqbad u żżid dokumenti sabiex tissostanzja l-pretensjonijiet tagħha, differenti minn dawk indikati fl-Avviż . Il-kawża kienet ibbażata fuq tmien fatturi partikolari, u biż-żieda ta' fatturi oħra, l-attriċi kienet qed tagħmel "**tibdil fis-sustanza ta' l-azzjoni jew l-eċċezzjoni fuq il-mertu tal-kawża**", ħaġa li ma hix permessa mil-liġi[11] .

---

[8] Appell Inferjuri Għawdex : Maltacom p.l.c. vs Paul Piscopo : 5.7.2006

.

[9] art.171 tal-kap. 12 .
[10] ara statement esebit mill-attrici a fol. 36 tal-process. .
[11] Art. 175(1) tal-Kap. 12 .

Jiġi għalhekk illi l-pretensjoni ta' l-attriċi, wara r-riduzzjoni li għamlet minħabba pagamenti u *returns*, ma tistax teċċedi l-bilanċ li jista' jkun dovut a bażi tal-fatturi indikati fl-Avviż, u ċioe' għal mhux aktar minn : tmien mija disgħa u għoxrin lira maltija w erbatax-il ċenteżmu (Lm829.14) .

Ġara pero' illi l-ebda waħda minn dawn il-fatturi ma hi ffirmata mill-konvenuta, u din qed tikkontesta illi hija qatt ordnat il-merkanzija msemmija fihom, primarjament għax fid-dati indikati, hija kienet ġia għamlet il-ħsieb illi tagħlaq il-ħanut u għalhekk ma kienitx qed tixtri iżjed xogħol, imma sempliċement tipprova teħles minn dak li kellha fil-ħanut[12] . Madankollu l-attriċi sostniet illi l-konvenuta qatt ma kienet tiffirma l-fatturi, għax dawn kienet tibgħathomlha mal-merkanzija li l-konvenuta tkun ordnat qabel . Hija sostniet illi din kienet is-sistema li dejjem addottat mal-konvenuta u din qatt qabel ma kienet sabet ebda oġġezzjoni biex tħallas b'dan il-mod .

F'dawn iċ-ċirkostanzi għalhekk hawnhekk għandna każ fejn dak illi qed tallega l-attriċi qed jiġi kompletament miċħud mill-konvenuta . Huwa prinċipju bażilari tal-proċedura illi l-piż tal-prova tal-fatti allegati li fuqhom qed jibbaża l-pretensjonijiet tiegħu huwa ta' l-attur, u jispetta biss lill-konvenut li jirribatti dawn il-provi bi provi kuntrarji. "**Bla ħsara ta' kull dispożizzjoni oħra tal-liġi, l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah**". [13]

Ġie mgħallem mill-**Mattirolo** f'dan ir-rigward illi : "*Una regola di dottrina e di gurisprudenza generale reca che* ***'semper onus probandi ei incumbit qui dicit'****, ossia che* ***'semper necessitas probandi incumbit illi qui agit****.' In verita', il principio di egualianza civile, che nella*

[12] ara affidavit tal-konvenuta a fol. 43 - 45 tal-process .
[13] art. 562 tal-Kap. 12 .

*pratica dei giudizi si traduce nel principio della parita' di trattamento assicurata alle parti, non permette che si presti fede piuttosto all'allegazione dell'uno che a quella dell'altro dei litiganti . Quindi ciascuna delle parti deve provare i fatti, che essa allega a sostegno del proprio assunto; e l'autorita' giudicante dee pronunizare* ***juxta allegata et probata.*** [14]

Kif insibu fid-dottrina, l-fattura hija l-aħjar prova li jista' jġib il-kummerċjant : "*Se il venditore ha fatto la tradizione della cosa venduta, ed ha presentato la fattura, ossia stato, in qui noto' il prezzo, e le condizioni della somma da pagarsi, e'* ***il compratore ai piedi di quella confessa la consegna, e' l'approva****, non puo' desiderarsi documento migliore, e non si richiede un doppio originale, perche la fattura accettata che ritorna nelle mani del venditore, un'altra ne suppone rilasciata al compratore della cosa venduta*[15] .

Allura jekk bħal ma għandna fil-każ preżenti l-fattura ma tkunx ifffirmata, sa fejn din tista' tittieħed bħala prova tal-bejgħ ? Ir-risposta insibuha wkoll fid-dottrina . " … *il modo dell'accettazione si rivela connesso alla liberta' con cui' puo' estrinsecarsi il volere giuridicamente rilevante, quando non sussiste, come nella specie, l'onere di una particolare forma . Sono quindi da ritenersi valide sia un'accettazione tacita o per acta concludentia,* ***sempreche', specie in quest'ultimo caso, non vi sia dubbio sulla volonta' in tal senso***.[16]

Imma jista' jingħad b'mod sodisfaċenti illi fil-każ in eżami ma jeżisti ebda dubbju dwar l-aċċettazzjoni taċita tal-konvenuta tal-fatturi in kwistjoni ? Ġia ntqal kif il-konvenuta tiċħad għal kollox illi hija qatt xtrat il-merkanzija indikata f'dawn il-fatturi . Veru illi

[14] opus cit. Vol. III para .465et seq. p. 380 – 382 .
[15] Marre' : Corso di Diritto Commerciale, 1855 VII p. 68
[16] D"Avanzo, Fattura, Novissimo Digesto Italiano, 1957 p. 140 .

f'uħud mill-fatturi hemm notamenti fuq wara ta' xi pagamenti u tnaqqis minħabba *returns*[17] . Imma lanqas dawn ma jistgħu jindikaw xi aċċettazzjoni taċita da parti tal-konvenuta, għax ma jagħtu ebda ħjiel għall-liema fatturi qed jirreferu .

F'tali ċirkostanzi l-Qorti hija tal-fehma illi l-attriċi ma rnexxielhiex tipprova sodisfaċentement illi l-fatturi indikati fl-Avviż tagħha jirreferu tassew għal merkanzija mibjugħa u konsenjata lill-konvenuta u li tagħhom baqgħet ma tħallsitx, u għalhekk din il-kawża ma tistax tirnexxi .

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tilqa' l-eċċezzjoni tal-konvenuta fuq il-mertu, tiċħad it-talba attriċi, bl-ispejjeż kontra l-istess attriċi."

L-attrici tavvanza dawn l-aggravji fl-impunjattiva taghha tas-sentenza mill-ewwel Qorti;

(1) Ma ghamlet ebda bdil fis-sustanza ta' l-azzjoni imma sempliciment irreduciet l-ammont mitlub minnha;

(2) L-ewwel Qorti ghamlet apprezzament errat dwar il-portata tal-fatturi minnha esebiti u valutazzjoni zbaljata tal-provi;

(3) Il-konvenuta naqset milli tissostanzja l-eccezzjoni taghha tal-pagament u, fir-rigward, l-ewwel Qorti baqghet ma kkummentat xejn dwaru;

Il-Qorti behsiebha twiegeb *seriatim* ghal kull wiehed mill-precitati aggravji kif sottomessi lilha;

Fil-kaz ta' l-ewwel aggravju jibda biex jigi osservat illi skond il-fehma tal-**Mortara** (Vol. II pagna 536) l-azzjoni hi dik li tohloq ir-rapport processwali. Hu allura fl-ordni

[17] ara fatturi numri : 1617, 1618 ,

guridiku illi min jirrediegi l-att introduttiv tal-procedura ghandu kemm jista' jkun jindika sewwa d-dritt minnu pretiz, it-talba u l-premessi ta' l-azzjoni, biex b' hekk il-kontro-parti jkollu hjiel car "*della responsabilita` civile che gli è addebita e della qualita` in cui è chiamato a rispondere*" ("**Giuseppe Theuma -vs- Salvatore Rolando Speranza**", Appell Civili, 18 ta' Novembru 1921);

Naturalment dan ma jeskludix il-possibilita` illi, fejn tinhass il-htiega, ma jistghux jintalbu korrezzjonijiet ta' l-atti. Anzi minn kif inhu redatt l-Artikolu 175 (1) tal-Kapitolu 12, kif ben tajjeb gej osservat, il-poteri tal-Qrati li jaghtu korrezzjonijiet fl-atti pprezentati gew mizjuda sewwa f' dak kollu li ma jbiddelx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eccezzjoni fuq il-mertu tal-kawza. "It-termini ta' l-Artikolu 175 huma issa ferm wiesgha sal-punt li l-Qorti tista' tawtorizza is-sostituzzjoni ta' xi att jew tippermetti tibdil fl-iskritturi jew billi jissewwa kull zball iehor jew billi jiddahhlu hwejjeg ohra ta' fatt jew ta' dritt ukoll permezz ta' nota separata" ("**Magistrat Dottor John Formosa *et* -vs- Joseph Fenech**", Appell, 4 ta' Dicembru 1995. Ara wkoll ghal aktar approfondiment fuq din it-tema s-sentenza ta' l-istess Qorti fl-ismijiet "**Walsh's Limited -vs- Awtorita` ta' l-Ippjanar**", 18 ta' Frar 1997);

Il-kwestjoni hawn involuta mhix strettament dik ta' l-ezami dwar jekk it-tibdil b' zieda ta' fatturi godda distinti minn dawk indikati fl-avviz kellhiex impatt fuq is-sustanza ta' l-azzjoni jew ta' l-eccezzjoni imma l-osservazzjoni li ghamlet l-ewwel Qorti illi ma kienx lecitu li <u>minghajr l-awtorizzazzjoni taghha</u> l-attrici zzid dokumenti biex tissostanzja l-pretensjonijiet taghha differenti minn dawk ta' l-avviz. Effettivament minn imkien mill-atti tal-process ma jirrizulta li l-attrici, kif kellha dritt taghmel bis-sahha ta' l-Artikolu 174 (1) tal-Kodici ritwali, talbet il-korrezzjoni debita ta' l-att promotur billi tibdel jew izzid il-premessi ghad-domanda taghha. Dan qed jigi rilevat indipendentement mill-kunsiderazzjoni jekk, kieku ntalbet il-korrezzjoni, din fil-verita` kienetx tali li taffettwa daqstant is-sustanza ta' l-azzjoni jew ta' l-eccezzjoni, trattasi ta' procedura fil-qorti inferjuri fejn allura l-premessi ghat-talba

ma humiex obbligatorji. Ara Artikolu 171 (1) tal-Kapitolu 12. Ezercizzju dan li mhux necessarju li jsir minn din il-Qorti, anke ghar-raguni li kif ser jigi muri aktar ‘il quddiem iz-zieda ta’ dawk tal-fatturi godda mal-lista dettaljata fl-avviz ma kellhomx influwenza tali li jbiddlu l-gudizzju fil-mertu. Dan iwassal proprju ghal konsiderazzjoni tat-tieni aggravju li hu l-aktar wiehed ta’ sustanza;

L-attrici qeghda ssostni illi l-ammont minnha reklamat ghab-bazi tan-Nota ta’ riduzzjoni (fol. 10) jirraprezenta dak dovut lilha ghal konsenja lil konvenuta ta’ merce skond fatturi mhux skontati, jew mhux skontati interament. Il-konvenuta, kemm fl-eccezzjonijiet kif ukoll fix-xhieda taghha tichad din il-pretensjoni ta’ l-attrici, anke ghaliex issostni illi wara s-sena 1997 ma ppjazzatx ordnijiet aktar ma’ l-attrici. Anke jekk b’ certa reticenza hu ammess mill-konvenuta illi matul id-durata tar-rapport negozjali l-fatturi ma kienux jigu ffirmati. Ara kontro-ezami taghha (fol. 56);

Dan premess, gjaladarba fir-relazzjoni bejn il-partijiet jikkonfigura l-kuntratt ta’ bejgh, sija jekk wiehed bl-ingrossa jew bl-imnut, kien obbligu primarju ta’ l-attrici-venditrici, ex-Artikolu 1378 tal-Kodici Civili, li taghmel il-kunsinna. Ma’ dan hu abbinat l-obbligu fil-konvenuta-kompratrici li taghmel il-hlas opportun tal-merce kkonsenjata lilha. Hu provvdut fl-Artikolu 1433 ta’ l-istess Kodici illi “meta z-zmien u l-lok tal-hlas tal-prezz ma jigux miftehma fil-kuntratt, ix-xerrej ghandu jhallas fiz-zmien u fil-lok tal-kunsinna tal-haga”. Wiehed jifhem li dan il-principju tal-kontestwalita` stabbilit mil-ligi hu intiz biex jittutela l-interessi taz-zewg partijiet. Ovvjament il-partijiet jistghu jidderogaw minn dan il-provvediment tal-ligi billi jiftehmu pattijiet xort’ ohra. Ad ezempju, li l-hlas ikun posticipat. Hekk jidher Ii kien fil-fattispeci l-kaz bejn il-kontendenti;

In vista ta’ dak li appena nghad l-attrici appellanti kien jehtigilha, anke fid-dawl tal-kontestazzjoni opposta mill-appellata, taghmel il-prova li hi ghamlet il-kunsinna

effettiva tal-merce li taghhom hi tippretendi l-hlas. Hi kellha d-dmir li tipprova l-verita tal-fatti dedotti minnha in kwantu kienu dawn l-istess fatti kif sottoposti lil Qorti li fuqhom din riedet taghmel il-gudizzju taghha;

Fil-kaz in ezami l-appellanti tistrieh ghal kollox fuq il-fatturi esebiti minnha u nfatti, anke issa f' din is-sede, issostni illi dawn kienu l-ahjar prova fid-disponibilita` taghha. Fuq dan il-punt din il-Qorti tibda biex tosserva illi fi skambju kummercjali l-fatturi ghandhom certament valur legali bhala prova. Ciononostante din il-forza probatorja tal-fatturi, il-kontenut taghhom, specjalment fejn dan ikun qed jigi disdett mill-kontroparti, mhux necessarjament u bilfors, ghandu ghaldaqshekk jitraduci ruhu fi prova univoka u konkludenti tal-konsenja effettiva tal-merce. Dan, partikolarment, meta mqabbel mal-kumpless tal-provi l-ohra attendibbbli, kompriz dik tad-dikjarazzjoni ta' zmentita mill-appellata tar-ricezzjoni tal-merce kontenuta f' dawk il-fatturi. Huwa proprju dan il-gudizzju li ghamel l-ewwel Qorti fil-kaz in ispecje;

Bla dubju, tali gudizzju fuq l-attendibilita` u l-kredibilita tal-fatturi *de qua* jinvolvi apprezzament ta' fatt u f' dan l-ewwel Qorti ma kienet ristretta minn ebda limitu gudizzjali ghajr li, kif preskritt fl-Artikolu 218 tal-Kapitolu 12, tipprovdi r-ragunijiet tal-konvinciment taghha. Hi kellha l-fakolta pjena li taghti fidi, o meno, lill-fatturi esebiti u li tiddetermina jekk kellhomx jitqiesu ta' portata tali li jistghu jammontaw ghal dizimpenn mill-appellanti tal-piz tal-prova nkumbenti fuqha fuq l-istregwa tal-massima maghrufa *onus probandi incumbit ei qui dicit*. Esigenza din, sew logika, sew guridika, li tghabbi fuq min jallega fatt favorevoli ghalih id-dover li jghati prova adegwata ta' l-ezistenza tal-fatt allegat. Kif gja espress drabi ohra minn din il-Qorti f' decizjonijiet taghha, din l-istess dixxiplina tal-piz tal-prova issir kriterju biex jigi regolat il-gudizzju u allura jekk tonqos il-prova jew din titqies mhux sodsfacenti jigi li l-fatt allegat mhux veru ghax mhux ipprovat;

Fuq l-ezami taghha ta' l-istess provi in atti din il-Qorti difficilment tara kif tista' tirrikoncilja ruhha ma' l-assunt ta' l-appellanti illi, bhal speci, l-ewwel Qorti kien messha bilfors tassumi illi l-fatturi minnha prodotti kellhom jitqiesu attendibbli ghax kienu jikkostitwixxu l-ahjar prova. Kif sewwa nnotat mill-appellata fin-Nota ta' l-osservazzjonijiet taghha quddiem l-ewwel Qorti, anke indipendentement mill-fatt tar-riduzzjoni, tezisti anomalija lampanti bejn dak rikjest skond l-*invoices* indikati fl-avviz u dawk l-ohra esebiti b' nota a fol. 18 *et sequitur* tal-process. Minn dan biss hu ovvju li l-prova intiza b' dawk il-fatturi kienet tali li tohloq dubbju f' mohh il-gudikant dwar il-genwinita` taghhom;

Dan li nghad irid jitqieghed f' rapport ukoll mat-tielet aggravju sottomess. Ibda biex, il-konvenuta appellata minn imkien ma eccepiet il-hlas. Hi illimitat ruhha fil-kors tax-xhieda biex tghid li ghal merce komprata u kkonsenjata lilha kienet issaldat il-kont. Ankorke tqajmet eccezzjoni bhal din, tajjeb li wiehed ifakkar dak ritenut mill-Onor. Imhallef Maurice Caruana Curran fis-sentenza tieghu tas-27 ta' Mejju 1970 in re: "**Manuel Zerafa -vs- Nazzareno Muscat Scerri**", Prim' Awla, Qorti Civili:-

"Bhala kunsiderazzjoni legali dwar in-natura ta' l-oneru tal-provi in materja ta' pagamenti ta' debiti civili l-Qorti tirritjeni li, ghalkemm kif dejjem gie ritenut, il-konvenut allegat debitur ghandu jipprova il-pagament li hu jallega, f' kaz ta' dubju ragonevoli jekk l-ammont ghadux dovut jew le, dan id-dubju ghandu dejjem imur favur il-konvenut ghax l-oneru tal-prova tad-debitu jibqa' fuq l-attur mill-bidu sa l-ahhar tal-kawza ghax hu jallega d-debitu u kulhadd ghandu jipprova l-allegazzjoni tieghu … L-attur li jallega d-debitu ma jistax jiskarta l-oneru tieghu fuq il-principju l-iehor *reus in excipiendo fit actor*, ghax, jerga' jinghad, l-oneru centrali ta' l-akkuza jibqa' fuqu. Altrimenti f' kull kaz ta' konflitt ikun facli ghall-attur li jirbah avolja l-Qorti tibqa sospiza fi stat ta' dubju jekk hemmx debitu";

Ukoll fl-ottika ta’ din l-ahhar kunsiderazzjoni ma jidherx li hemm lok li din il-Qorti tintrattjeni l-ilmenti devoluti lilha, anke ghaliex ma ngiebetx raguni sufficjenti biex il-Qorti tiddistakka ruhha mill-valutazzjoni tal-Qorti ta’ l-ewwel grad, hekk akkompanjata minn motivazzjoni logika tal-provi u tad-deduzzjonijiet kollha difensivi.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tirrespingi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez ta’ din l-istanza jitbatew mill-attrici appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------